L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta

Tel: +356 2340 2814/5/6
matsec@um.edu.mt

www.um.edu.mt/matsec

**Minn:** Dario Pirotta
Direttur, MATSEC Support Unit

**Lill-:** Prinċipali tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-iskejjel

**Suġġett:** Il-Konsultazzjoni mal-Għalliema dwar is-Sillabu taċ-ĊES Malti Bħala Lingwa Barranija

**Data:** 26 ta' Settembru, 2019

Nixtiequ ninfurmaw lill-kapijiet tal-iskejjel li l-ewwel abbozz tas-sillabu taċ-ĊES tal-Malti Bħala Lingwa Barranija huwa lest. Il-Bord tal-MATSEC, b'kollaborazzjoni mal-MEDE, se jkun qed jorganizza sessjonijiet ta' konsultazzjoni għall-għalliema dwar dan is-sillabu bbażat fuq il-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim. Matul dawn is-sessjonijiet, il-MATSEC se jkun qed jinforma lill-parteċipanti dwar il-mudell il-ġdid tal-assessjar filwaqt li l-membri tal-bord tas-sillabu se jkunu qed jispjegaw il-kontenut tas-sillabu.

**Id-dati tal-laqgħat ta' konsultazzjoni huma dawn li ġejjin:**

**It-Tnejn 28 ta' Ottubru: Skola Sekondarja San Benedittu, Ħal Kirkop**

**It-Tlieta 29 ta' Ottubru: Skola Sekondarja San Benedittu, Ħal Kirkop**

**Il-Ħamis 31 ta' Ottubru: Kulleġġ ta' Għawdex Skola Sekondarja**

**Ħin: 09:00 – 14:00**

L-għalliema huma mħeġġa jattendu waħda minn dawn il-laqgħat li fihom se jkollhom l-opportunità li jiddiskutu s-sillabu kif ukoll jippreżentaw suġġerimenti għat-titjib tiegħu.

Min huwa mħajjar jattendi huwa mitlub jirreġistra f'dan is-sit **sal-24 t'Ottubru 2019**:

**https://forms.gle/VuQ9fCqhYWLSmZNv5.**

Għal mistoqsijiet oħra kkuntattja lill-MATSEC fuq: matsec@um.edu.mt